**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 2 ta' April 2025

Każ Numru: 3609/22

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Alfred Mifsud**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0800051M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Alfred Mifsud**, iben Philip u Salvina xebba Zammit, imwieled Żebbuġ, nhar l-4 ta' Ottubru 1957, u residenti 43, Chikachr, Triq Birbal, Balzan u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0800051 (M), akkużat talli fil-21 ta' Frar 2022 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa tas-Sliema u/jew f'dawn i-Gżejjer:

1. Bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġegħelt, bl-awtorita' tiegħek innifsek, lil xi ħadd iħallas dejn jew fixkilt lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew iħott bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma għalikom jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indħalt fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2025 il-partijiet qablu li l-provi li nstemgħu fil-kawża bin-numru 3612/2022 jgħoddu wkoll għal din il-kawża salv fejn il-prova tiġi espressament eskluża b'dikjarazzjonijiet tal-partijiet.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet u rat it-trattazzjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ huwa rigward rapport li Anne Carmen Zelbst kienet għamlet fil-konfront tal-imputat fejn fil-11 ta' Jannar 2022 kienet irraportat li fl-10 ta' Jannar l-imputat Alfred Mifsud kien sostna ma wliedhom Alain u Shana li huwa kien se jbiddel is-serratura tal-bieb tal-appartament bin-numru 5 li jinsab ġewwa Fort Cambridge Block East, Tigne Street, Sliema. Eventwalment Anne Carmen Zelbst irrapurtat li fil-21 ta' Frar 2022 l-imputat kien biddel is-serratura tal-appartament u konsegwentament binha Alain spiċċa l-barra minn dan l-appartament. Fir-rapport tagħha l-kwerelanta sostniet li hija kellha dritt tgħix ġo dik ir-residenza u dan skond sentenza tal-Qorti mogħtija fis-26 ta' April 2019.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Imputazzjoni:** *"Talli fil-21 ta' Frar 2022 u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa tas-Sliema u/jew f'dawn i-Gżejjer: Bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġiegħelt, bl-awtorita' tiegħek innifsek, lil xi ħadd iħallas dejn jew fixkilt lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu jew iħott bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma għalikom jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indħalt fi ħwejjeġ ħaddieħor."*

   Illi hawnhekk l-imputat Alfred Mifsud qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' ragion fattasi.

   Illi mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li s-serratura tal-bieb inbidlet fil-21 ta' Frar 2022.

Il-kwerelanta Anne Carmen Zelbst xehdet li hija għal xi snin kienet tgħix ma Alfred Mifsud u wara li fis-26 ta' Frar 2016, ir-relazzjoni tagħhom ntemmet hija kienet baqgħet tgħix mat-tfal fl-appartament ta' Fort Cambridge. Is-Sur Mifsud kien għamel kawża biex jitfagħha l-barra iżda l-Qorti ma laqgħetx it-talba tiegħu u x-xhud kellha dritt li tibqa' tgħix fil-flat sakemm it-tfal jibqgħu jgħixu f'dak il-post.

Ix-xhud sostniet li wara li ħarġet it-tifla,  kien għad hemm it-tifel jgħix fil-post iżda l-imputat biddel is-serratura u ma setgħetx ġġorr l-affarijiet tagħha.

In kontro-eżami x-xhud sostniet li hija għamlet ir-rapport għaliex skond id-digriet tal-Qorti l-imputat ma setgħax jibdel iċ-ċavetta mingħajr ma jinfurmaha. Ix-xhud sostniet li hija qaltlu li "I will try' li toħroġ sal-aħħar ta' Diċembru u mhux li kienet se toħroġ. Hija ċaħdet li t-tfal sa l-aħħar ta' Diċembru kienu diġà ħarġu mill-post.

Illi l-imputat Alfred Mifsud fix-xhieda tiegħu sostna li l-kwerelanta Anne Carmen Zelbst kellha dritt li tgħix fil-post dment li tkun qed tgħix mat-tfal. Huwa sostna li ftit qabel Diċembru, l-kwerelanta kienet bagħtitlu messaġġ fejn infurmatu li ma kienx se jirnexxilha toħroġ ħwejjiġha kollha sal-aħħar ta' Diċembru. Ix-xhud jinsisti li l-kwerelanta kienet diġà qegħda tgħix ġo residenza ġewwa l-Ibraġġ.

Ix-xhud sostna li t-tfal kienu ħarġu mill-post u lit-tifel kien offrielu li jmur jgħix fil-post tiegħu, iżda t-tifel sostna miegħu li jippreferi jmur jgħix ma ommu l-Ibraġġ. Fis-16 ta' Frar l-kwerelanta informatu li kienet ħadet erbat ijiem leave sabiex toħroġ l-affarijiet tagħha mill-post. Ix-xhud sostna li wara li għaddew erbat ijiem huwa mar il-post u sab li l-kwerelanta kien għad kellha xi affarijiet. Għalhekk huwa qabad l-affarijiet tagħha, poġġiehom fl-istore tiegħu li kopja taċ-ċavetta tal-istore għaddiha lit-tifel u biddel is-serratura tal-bieb.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Abraham Scicluna ngħad is-segwenti:

*"Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jaqra kif gej: Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...*

*Illi fil-kawża **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Gunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:- Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

*F'sentenza mogħtija mill-Imhallef William Harding fil-kaz Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenza moghtija mill-Imhallef Lawrence Quintano fil-kawża **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, nhar l-20 ta' Gunju 2014 li jirriflettu l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jinkludu :-*

*a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;*
*b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;*
*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;*

*Dawn l-elementi gew adottati f'kull kaz ta' ragion fattasi u li biex jikkonfigura ruhu ir-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-erba' elementi. Ghalhekk huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova dawn l-erba' elementi biex tipprova ir-reat migjub kontra l-imputat sabiex jinstab hati."*

Din il-Qorti sejra tistabbilixxi jekk l-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-erba' elementi rikjesti sabiex ikun ippruvat ir-reat ta' ragion fattasi.

**a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;**

L-imputat stess jammetti li biddel is-serratura tal-bieb minkejja li kien għad hemm affarijiet personali tal-kwerelanta Anne Carmen Zelbst.

**b) L-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;**

Fix-xhieda tiegħu l-imputat sostna li *'hi kellha dritt toqgħod hemmhekk imma ma kellhiex dritt tieħu l-affarijiet tiegħi minn hemmhekk, allura kelli nibdel is-serratura biex ma tkomplix tieħu l-affarijiet li huma tiegħi".* Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-

imputat dehrlu li bi dritt seta' jbiddel is-serratura biex il-kwerelanta Anne Carmen Zelbst ma tibqax toħodlu affarijiet li kienu tiegħu.

c) **Ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;**

L-imputat jallega li Anne Carmen Zelbst kienet qed toħodlu l-affarijiet li kienu tiegħu. Minħabba dan il-fatt l-imputat seta' jirrikorri għar-rimedju legali, kif fil-fatt għamel.

d) **Li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**

Dan huwa każ ċar ta' ragion fattasi. Għalhekk din il-Qorti ssostni li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat akar gravi.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-erba' elementi rikjesti sabiex ir-reat ta' ragion fattasi ikun ippruvat.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi fl-Artiklu 85. (1) tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

*"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

***<u>Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa:</u>***

*Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor:*

*Iżda f'każijiet ta' żgumbramenti arbitrarji jew sfurzati ta' okkupant mill-proprjetà li huwa jokkupa bħala r-residenza primarja tiegħu, inkluż kwalunkwe dħul mhux permess fil-proprjetà, it-tneħħija ta' għamara, apparat domestiku jew affarijiet personali mill-*

*proprjetà, jew is-sospensjoni jew interruzzjoni ta' servizzi tad-dawl u tal-ilma, b'kull mod, inkluża l-istallazzjoni ta' apparati li jippermettu lis-sid jissospendi l-provvista diretta tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma lil-lproprjetà, il-multa ma għandhiex tkun inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn erbat elef euro (€4,000)."*

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta. Mill-provi jirriżulta li bejn il-partijiet hemm pika kbira.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat ma huwiex persuna li għandu bżonn xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu u għalhekk il-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva. Minflok il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat Alfred Mifsud għall piena tal-multa.

## D. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 85 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Alfred Mifsud detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0800051M ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

| | |
|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**